# 10 elementi ewlenin

## għal komunikazzjoni effettiva dwar id-drittijiet tal-bniedem

[ĠDID]

MT-1

## Li nitkellmu favur id-drittijiet tal-bniedem qatt ma kien aktar importanti!

## Iżda kif inhu l-aħjar mod?

## Kif nistgħu ngħaqqdu lin-nies flimkien u nikkomunikaw b'mod li jiġbed l-attenzjoni?

Element
ewlieni **1**

# Fassal l-objettivi tiegħek



MT-2

# Kun ċar dwar dak li tixtieq tikseb.

**Għaliex huwa kruċjali li tfassal l-objettivi tiegħek?**

— L-għanijiet ċari huma l-bażi tal-istrateġija tiegħek.
— L-għanijiet jiddefinixxu l-udjenzi, il-mezzi u l-formati – mhux bil-kontra!
— L-għanijiet milħuqa huma evidenza tas-suċċess.

## Kif?

— Żomm il-miri realistiċi – ikkunsidra r-riżorsi u l-perjodu ta' żmien tiegħek.
— Stabbilixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-valuri fil-mira biex tkejjel is-suċċess.
— Ikkondividi l-għanijiet internament biex tilħaq fehim komuni.

Element ewlieni 2

# Attiva l-udjenzi tiegħek



MT-3

# Isma' u kkonnettja.

**Għaliex huwa kruċjali li tattiva l-udjenzi tiegħek?**

— Biex tifhem x'jimmotiva lin-nies.
— Biex issib bażi komuni.
— Biex tibni l-fiduċja reċiproka.

## Kif?

— Stabbilixxi udjenzi fil-mira ċari għall-messaġġi tiegħek.
— Isma' l-udjenzi tiegħek u uża l-gruppi fokus u l-analitika.
— Staqsi mistoqsijiet u stieden l-udjenzi tiegħek biex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Element ewlieni 3

# Agħti vuċi lill-valuri kondiviżi



MT-4

# Oħloq bażi komuni.

Għaliex huwa kruċjali li tagħti vuċi lill-valuri kondiviżi?

— Il-valuri huma l-prinċipji ta' gwida tagħna.
— Il-kwistjonijiet jifirdu, iżda l-valuri jgħaqqdu.
— Il-valuri kondiviżi jistgħu jinvolvu u jsaħħu l-komunitajiet matul iż-żmien.

## Kif?

— Immappja l-valuri tiegħek u dawk tal-udjenza tiegħek.
— Identifika l-valuri komuni li jirfdu d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza.
— Appella għall-emozzjonijiet u l-valuri tal-aħjar verżjoni tan-nies.

Element ewlieni 4

# Oħloq koalizzjonijiet



MT-5

# Ibni sħubijiet biex testendi l-firxa tiegħek.

**Għaliex huwa kruċjali li toħloq il-koalizzjonijiet?**

— Biex timmultiplika l-messaġġi tiegħek.
— Biex tilħaq udjenzi usa'.
— Biex trawwem fehim usa' u aktar profond, u empatija.

## Kif?

— Sib għanijiet komuni u benefiċċji reċiproċi ma' sħab ġodda.
— Orbot id-drittijiet ma' temi ta' suċċess.
— Rawwem relazzjonijiet fit-tul – allinja u aqsam ir-riżultati.

Element ewlieni **5**

# Immobbilizza l-messaġġiera tiegħek



MT-6

# Daħħal vuċijiet fdati biex jgħinuk ixxerred il-kelma tiegħek.

**Għaliex huwa kruċjali li timmobilizza l-messaġġiera tiegħek?**

— Biex iġġib udjenzi ġodda biex jisimgħu.
— Biex tagħti s-setgħa lin-nies li jirrakkontaw l-istejjer tagħhom.
— Biex tagħmel il-messaġġ tiegħek aktar awtentiku.

## Kif?

— Ħeġġiġhom biex jużaw l-istil tagħhom stess.
— Qabbilhom mal-udjenza u mal-għan prinċipali tiegħek.
— Investi fil-benesseri tagħhom.

Element ewlieni 6

# Ħaddan it-tama



MT-7

# Ispira l-azzjoni permezz ta' messaġġi pożittivi.

**Għaliex huwa kruċjali li tħaddan it-tama?**

- Id-drittijiet tal-bniedem huma t-tama tagħna għal futur aħjar.
- L-entużjażmu u l-passjoni jmexxuna 'l quddiem.
- Il-ħajja tista' tkun iebsa. Uri d-dawl fi tmiem il-mina!

## Kif?

- Kun favur u mhux kontra – iffoka fuq soluzzjonijiet, mhux problemi.
- Agħmel enfasi fuq l-għan tiegħek.
- Għaqqad il-passi żgħar mal-istampa l-kbira.

Element ewlieni 7

# Fassal l-istorja tiegħek



MT-8

# Uża eżempji fil-ħajja reali biex tiskatta l-emozzjonijiet.

Għaliex huwa kruċjali li tfassal l-istorja tiegħek?

— L-istejjer iwasslu għal kawża usa' għall-ħajja.
— Jgħinuna nifhmu, nempatizzaw u ninvolvu ruħna.
— L-iskattar tal-emozzjonijiet jista' jkollu impatt dejjiemi.

## Kif?

— Qis lil min se tolqot l-istorja tiegħek.
— Iddeskrivi sfida, l-eroj tagħha u s-soluzzjonijiet.
— Uri kif il-ġlieda ta' persuna waħda tista' tgħin lil ħaddieħor.

Element ewlieni 8

# Agħżel il-pjattaforma tiegħek



MT-9

# Adatta l-approċċ tiegħek għall-kanal magħżul tiegħek.

**Għaliex huwa kruċjali li tagħżel il-pjattaforma tiegħek?**

— Kemm is-sustanza kif ukoll l-istil jgħoddu.
— Hemm aktar minn mod wieħed kif wieħed jiġi nnutat.
— Ilkoll qed niġġieldu għal attenzjoni limitata.

## Kif?

— Iġbor id-*data* biex tara x'jaħdem l-aħjar.
— Żviluppa ħiliet u prodotti differenti.
— Adatta l-output tiegħek għall-udjenza tiegħek.

Element ewlieni 9

# Mexxi permezz tal-lingwa



MT-10

# Żommha sempliċi u ppromwovi r-rispett.

Għaliex huwa kruċjali li tmexxi permezz tal-lingwa?

— Il-kliem jgħodd – dan jifforma l-perċezzjonijiet.
— Li tkun rispettuż u aċċessibbli għal kulħadd.
— Li tissottolinja l-umanità kondiviża tagħna.

## Kif?

— Uża kliem inkluživ, sempliċi u pożittiv.
— Staqsi għal gwida jekk ma tkunx ċert dwar x'termini se tuża.
— Investi fit-traduzzjoni – inkluża t-traduzzjoni kulturali.

Element ewlieni **10**

# Fassal iż-żmien tiegħek



MT-11

# Is-suċċess huwa dak li jiġri meta t-tħejjija tiltaqa' mal-opportunità.

**Għaliex huwa kruċjali li tfassal iż-żmien tiegħek?**

— Ir-rabta ma' avvenimenti topiċi żżid ir-reżonanza.
— Meta wieħed ikun jaf meta għandu jippubblika jiffranka l-ħin u r-riżorsi.
— Il-kontribut f'waqtu jista' jgħinek tfassal id-dibattiti.

## Kif?

— Intraċċa l-aħbarijiet u l-midja soċjali għall-opportunitajiet.
— Oħloq kontenut li tista' tuża ripetutament.
— Ivvaluta onestament – xi ħaġa ġdida mhux dejjem ħaqqha tiġi rrappurtata.

L-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa kollha ngħaqdu mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, magħquda wara l-"10 elementi ewlenin għal komunikazzjoni effettiva dwar id-drittijiet tal-bniedem".

Jekk inti difensur jew komunikatur tad-drittijiet tal-bniedem, dawn huma l-elementi ewlenin għalik u t-tim tiegħek biex taħdem bihom.

Ejjew ilkoll nagħmlu ħilitna kollha meta nikkomunikaw dwar id-drittijiet tal-bniedem.

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

COMMISSIONER FOR HUMAN RIGHTS
COMMISSAIRE AUX DROITS DE L'HOMME

ENNHRI
European Network of National Human Rights Institutions

EQUINET
European Network of Equality Bodies

OSCE ODIHR
Office for Democratic Institutions and Human Rights

UNITED NATIONS
HUMAN RIGHTS
OFFICE OF THE HIGH COMMISSIONER

Il-Kummissjoni Ewropea

TK-09-21-474-MT-N

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

fra.europa.eu

facebook.com/fundamentalrights
twitter.com/EURightsAgency
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency

© FRA, l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa, ODIHR, OHCHR, ENNHRI, Equinet, 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea